**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Nru: 143/2023**
**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Karl Roberts)**
**(Spettur Christian Abela)**

**-Vs-**

**ERNAZAROV AKHMAT**

**Illum 3 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti;**

Rat li **ERNAZAROV AKHMAT** imwieled Uzbekistan gewwa ir-Regjun ta' Samrkand (l-Uzbekistan) fl-1 ta' Gunju 1978, detentur tal-passaport Uzbek bin-numru FA1618896 u permess ta' residenza maltija bin-numru 253388A, resident fil-fond Enotria Crt. Block B, Flat 2C, ic-Cirku, Msida, ġie mixli quddiema akkuzat talli;

1. Fid-19 ta' Frar 2023 u l-granet u l-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer u/jew fl-ibhra territorjali Maltin, f'diversi atti maghmulin minnu, bil-hsieb li jaghmel xi

qliegh li jkun, ghen, assista, ta' parir jew habrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johrogu lejn u minn Malta bi jsur tal-Ligijiet ta' malta, jew li, sew f'Malta sew barra minn Malta, ikkongura f'dak is-sens ma' xi persuna/i ohra, u li l-ghadd ta' persuni mghejjuna assistiti, mghotija parir u li jkun sar thabbrik dwarhom jew il-mira tal-kongura ikun aktar minn tlieta.

2. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, assocja ruhu flimkien ma' persuni ohra bil-ghan li jaghmlu delitt jew delitti f'Malta u li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma kienx delitt taht l-Att dwar l-Istampa

3. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi ghen jew assista lil xi persuni biex jinzlu l-art jew tittantaw jinzlu l-art f'Malta, jew li joqghodu gewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuni biex jinzlu l-art jew jittantaw jinzlu l-art, jew li joqghodu gewwa jew li jitilqu minn xi Stat iehor bi ksur tal-ligi dwar id-dhul, ir-residenza u l-hrug ta' dak l-Istat, jew jahbi jew jaghti kemm lil xi persuni li kien jaf, jew kellu tassew ghax jahseb, li kienu qeghdin f'Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat ghall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekuturi jaqraw u jikkonfermaw bil-ġurament l-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-ezami, iwieġeb mhux ħati ;

Semgħet lill-imputat waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 2023 jiddikjara li huwa ħati tal-akkużi kollha u jirreġistra ammissjoni ;

Wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu, spjegat l-imputazzjonijiet li jinsab mixli bihom u sospendiet fattwalment is-seduta biex tagħtih ħin biex jahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu wara illi ddikjara li ngħata zmien bizzejjed biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u m'għandux bżonn iktar żmien biex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatlu l-pieni erogabbli ghar-reati li jinsab mixli bihom;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni li giet registrata mill-imputat, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu, bl-assistenza ta' żewġ interpreti ġuramentati u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat ġew debitament ippruvati u b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tar-reati li gie mixli bihom.

Ghall-fini tal-piena ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat qiegħed jinstab ħati ta' reati li huma ferm serji, fosthom it-traffikar fil-persuni sabiex dawn jiddaħħlu jew jinħarġu minn Malta kontra l-liġi. Dan qed jingħad ghaliex dawn huma reati maħsuba biex jimminaw il-hidma intensiva tal-awtoritajiet tal-immigrazzjoni sabiex fl-interess tas-sigurta` nazzjonali, izommu kontroll tal-fruntieri tal-pajjiz kontra l-immigrazzjoni illegali. Kemm hu hekk, fil-każ in diżamina fejn l-għadd tal-persuni fil-mira tat-twettiq tar-reati addebitati lill-imputat, huwa iktar minn tlieta, jikkonkorri l-aggravanti maħsuba fil-proviso tal-Artikolu 337A tal-Kap. 9 b'dan li l-piena għandha tiżdied

mandatorjament minn grad sa tliet gradi u bil-konsegwenza illi l-parametri tal-piena jitwessgħu konsiderevolment fejn il-piena massima applikabbli hija ta' priġunerija għal tnax-il sena.

Fl-istess waqt, qieset ukoll il-fatt illi l-imputat ikkollabora mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom dwar ir-reati u skont kif jirriżulta mis-sottomissjonijiet orali li għamlet il-Prosekuzzjoni għall-fini tal-piena, fehmet illi l-imputat huwa dispost illi jikko-opera ulterjorment bil-għan illi jassisti lill-Pulizija jinvestigaw bis-sħiħ l-assoċjazzjoni tiegħu ma' persuni oħrajn involuti fil-każ. Mhijiex sejra twarrab lanqas il-fatt illi l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċreduri.

In konklużjoni l-Qorti tosserva wkoll illi jsib riskontru fil-fattispeċje tal-każ, il-prinċipju ta' konkorrenza formali ta' reati u pieni bejn it-tliet akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat għaliex huwa ovvju li l-istess fatti jagħti lok għall-ksur ta' iktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi u għaldaqstant, għandha tingħata biss il-piena tar-reat l-iktar gravi li f'dan il-każ huwa r-reat taħt l-Artikolu 337A tal-Kap. 9, addebitat fl-ewwel imputazzjoni. Jingħad ukoll illi fi kwalsiasi każ, japplikaw ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tar-reati addebitati fl-ewwel u t-tieni imputazzjonjiet fejn id-delitt tal-assoċjazzjoni ġie kommess, indubbjament, bħala mezz għall-fini tal-kommissjoni tar-reat taħt l-Artikolu 337A tal-Kap. 9.

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 48A u 337A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(a) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qiegħda ssib lil ERNAZAROV AKHMAT ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tikkundannah tliet (3) snin u sitt (6) xhur prigunerija effettiva.**

**Billi ma ġew maħtura l-ebda esperti fil-proċeduri, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Tordna wkoll li l-atti tal-proċeduri kif ukoll kopja ta' din is-sentenza, jiġu mibgħuta lill-Avukat Generali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**